# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 756/2016 MH**

**Illum 31 ta' Mejju, 2017**

**Aloysius Farrugia et**

**vs**

**Kuraturi debutati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Giuseppe Borg Falzon, bin il-mejtin Luigi Borg Falzon u Teresa xebba Tabone nominati b' digriet tal-5 t'Ottubru, 2016 gew mahtura Dr. Josette Sultana u l-PL Daniel Aquilina**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Aloysius sive Louis Borg Falzon et illi ai termini ta' l-artikolu 495A tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta[1]

*Illi r-rikorrenti flimkien ma' l-intimat Giuseppe Borg Falzon huma kompropjetarji ta' diversi propjetajiet, fosthom:*

- *Il-korp ta' bin bin-numru ufficjali tmienja u erbghin (48) fi Triq l-Arcisqof, Valletta bl-arja tieghu u bis-sottosuol soggett ghal cens annwu u perpetwu;*

[1] Fol 1

- *It-terran bin-numru ufficjali sitta u erbghin (46) fi Triq l-Arcisqof, Valletta;*
- *l-utile dominium ghaz-zmien li fadal mic-ccens temporanju ta mija u hamsin sena li beda jiddekorri mill-ewwel t-April tas-sena elf tmien mija u sebgha u disghin tal-korp ta' bini li presentment jikkomrendi hdax-il appartament fuq hames sulari, inkluz l-arja sovrastanti u s-sotto suol, liema korp ta' bini jinsab fil-Belt Valletta u ghandu faccata fuq zewg toroq u huwa accessibbli minn bieb wiehed fi Triq San Nikola, ufficjalment immarkat bin-numru mija u sitta u hamsin u erba bibien fi Triq Sant' Ursola, ufficjalment immarkati bin-numru mija u tnejn u sebghin (172), mija u tlieta u sebghin(173), mija u erbgha u sebghin (174) u mija u hamsa u sebghin (175) rispettivament;*

*Illi din il-propjeta kienet tappartjeni lil Luigi borg Falzon u Teresa xebba Tabone, stante li kienet giet akkwista fiz-zwieg taghhom;*

*Illi Luigi Borg Falzon kien ghadda ghal hajja ohra nhar is-27 ta' Frar tas-sena 1926, u stante li d-decujus kien inkorra diversi debiti tul hajtu, uliedu Victor, Paolina, Carmela u Giuseppa li kienu eredi universali tieghu, dehru personalment quddiem din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Mejju 1926, fejn irrinunzjaw ghall-eredita ta' missierhom;*

*Illi gfhalhekk, il-wirt ta' Luigi Borg Falzon kien spicca gjacenti taht il-kurizja ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*Illi fil-11 ta' Jannar tas-sena 1933, mietet Teresa Borg Dalzon. Il-wirt taghha kien gie accettat permezz ta' Nota numru 1289/1962 fis-sekond Awla tal-Qorti Civili minn uliedha Victor Borg Fazlon, Paolina xebba, Carmela mizzewga*

*Darmanin u mill-Avukat Dr Rutter Giappone bhala mandatarju ta' l-assenti Giuseppe Borg Dalzon permezz ta' Nota numru 13/1963;*

*Illi Paolina Borg Falzon kienet baqghet xebba u mietet bla ulied u kienet halliet bhala universali taghha lil huha Victor Borg Falzon;*

*Illi Victor Borg Falzon kien izzewweg lil Luiza xebba Benedetti u frott dan iz-zwieg kellu tliet ulied: Luiga, Francesco u Salvatore ahwa Borg Falzon. Luiga Borg Falzon kienet izzewget lil Joseph Shcembri, u frott dan iz-zwieg kellha tliet ulied: Louis, Mario u Irene ahwa Schembri, Francesco Borg Falzon kien izzewweg lil Elian xebba Bonnici, u minn dan iz-zwieg kellu zewg ulied Aloysius u Carmen ahwa Borg Falzon filwaqt illi Salvatore kien izzewweg lil Katerina xebba Mifsud u kellu sitt ulied: Louis, Joseph, Ludwig, Pauline, Brigitte, u Stephanie ahwa Borg Falzon;*

*Giuseppe Borg Falzon kien emigra minn dawn il-gzejjer u qatt ma zamm kuntatt mal-familjari tieghu jew irritorna lejn dawn il-gzejjer. Huwa zgur illi ghadda ghal hajja ohra ghax tiweield aktar minn mija u tletin sena ilu;*

*Illi Carmela Borg Falzon kienet izzewget lil Frank Darmanin u frott dan iz-zwieg kellha erba' ulied: Franky illum mejjet; Lucy mizzewga Paris, illum mejta, Rita mizzewga Enriquez; Erene mizzewga Calleja illum mejta. Franky Darmanin kellu tliet ulied: John, Paul, Maryanne mizzewga Cutajar. Rita kellha tliet ulied; Lino, Antonio u Paul ahwa Enriquez; Erene kellha hames ulied: Charles, Victor, Mario, Dennis u Cecilia mizzewga Curnow, filwaqt illi Lucy kellha tifla unika Mary Rose;*

*Illi Dennis Calleja iddikjara illi ma jridx ikollu x' jaqsam ma' l-eredita ta' Luigi u Teresa Borg Falzon qabel gie ntavolat ir-rikors ta' l-4 ta' Lulju 2008*

*mir-rikorrenti quddiem l-Onorabbli Qorti Civili – Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja, filwaqt illi Carmel Charles Calleja kien irrinunzja ghas-sehem tieghu permezz ta' nota datata 30 ta' Lulju 2010 ipprezentata quddiem il-Qorti Civili – Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja;*

*Illi John Darmanin kien ghada ghal hajja ohra fis-7 ta' Marzu tas-sena 2012 u halla bhala eredi universali li martu Helen sive Eileen xebba Preca, permezz ta' testment datat 4 t' April 2007 fl-atti tan-Nutar Dr Stephanie Muscat;*

*Illi Luiga Schembri ghaddiet ghal hajja ohra nhar il-11 ta' Novembru 2015 u permezz ta' testment datat 4 t' April 1990 hija halliet bhala eredi universali lit-tliet uliedha: Louis, Mario u Irene (mizzewga Mifsud) ahwa Schembri;*

*Illi permezz ta' rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) datat 4 ta' Lulju 2008, ir-rikorrenti kienu talbu illi jaccettaw il-wirt ta' Luigi Borg Falzon illi kien ghadu gjacenti;*

*Illi permezz ta' digriet Numru 406/2009 datat 6 ta' Lulju 2009, l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja), laqghet it-talba taghhom;*

*Illi dan necessarjament ifisser illi kwantu ghan-nofs indiviz appartenenti lil mejjet Luigi Borg Falzon, l-eredi accettaw per capita;*

*Illi n-nofs indiviz appartenenti lil mejta Teresa xebba Tabone dan kellu jigi diviz ugwalment bejn l-erba' uliedha u cioe Paolina xebba, Giuseppe, Victor, u Carmela mizzewga Darmanin;*

*Illi Giuseppe Borg Falzon ilu nieqes minn dawn il-gzejjer ghal aktar minn sittin sena, u hadd mir-rikorrenti ma jaf x' kien sar minnu jew mill-familja tieghu, u dana stante illi mindu telaq huwa qatt ma kien zamm kuntatt ma' hadd;*

*Illi s-sehem ta' Giuseppe Borg Falzon fil-propjetajiet su citati huwa ta' kwart min-nofs indiviz ta' ommu Teresa xebba Tabone, filwaqt illi ma ghandu ebda sehem min-nofs indiviz ta' missieru Luigi Borg Falzon.*

*Illi l-fondi de quo ilhom mizmuma in komun bjen il-pajrtijiet (u / jew il-predecessuri taghhom) ghal izjed minn tliet snin;*

*Illi inoltre sa fejn jafu r-rikorrenti, hadd mis-sidien ma beda xi azzjoni quddiem xi tribunal iehro ghall-qsim tal-propjetajiet de quo;*

*Illi l-fondi de quo ilhom ghall-bejgh, u r-rikorrenti, li jifformaw bejniethom l-akbar ghadd ta' kompropjetarji, sabu l-bejgh ta' l-istess fondi u, huma kienu obbligaw irwiehhom illi jbeighu u jittrasferixxu s-sehem taghhom parti indivizi:*
*Ghall-korp ta' bini bin-numru 48, Triq l-Arcisqof, Valletta permezz ta' konvenju datat tlieta ta' Settembru 2015 versu l-prezz ghall-fond fl-intier tieghu ta' mitejn u tnejn u tmenin elf u tliet mitt Ewro (282,300), a favor l-Avukat Dr Anton Tabone;*

*Ghat-terran bin-numru 46, fi Triq l-Arcisqof, Valletta, permezz ta' konvenju datat erbatax ta' Ottubru 2015 versu l-prezz ghall-fond fl-intier tieghu ta' sitta u sebghin elf Ewro (76,000) a favor l-Avukat Dr Anton Tabone;*

*Ghall-korp ta' bini bin-numru 156, Triq San Nikola, u 172, 173, 174 u 175 Triq Sant Ursola, Valletta permezz ta' konvenju datat disgha ta' Ottubru 2015 versu*

*l-prezz ghall-fond fl-intier tieghu ta' erba' mija u tmenin elf Ewro (480,000) a favor Short Lets Malta Limited;*

*Illi ai termini ta' l-Artikolu 495A tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jiddikjaraw u Anton Enriquez jikkonferma bil-gurament tieghu li l-partijiet huma kompropjetarji fil-kwoti hawn that indikati u skond kif spjegat fir-rikors anness u mmarkat bhala Dok A, dan ghandu jservi sabiex jissodisfa r-rekwiziti tal-prospett skond l-istess Artikolu 495A tal-Kap XVI;*

| | | |
|---|---|---|
| *Aloysius sive Louis Borg Falzon:* | *6.80%* | *(ulied Francesco)* |
| *Carmen mizzewga Farrugia:* | *6.80%* | |
| *Mario Schembri* | *3.60%* | *(ulied Luiga)* |
| *Irene mizzewga Mifsud* | *3.60%* | |
| *Louis Schembri* | *3.60%* | |
| *Louis Borg Falzon* | *4.00%* | *(ulied Salvatore)* |
| *Joseph Borg Falzon* | *4.00%* | |
| *Ludvig Borg Falzon* | *4.00%* | |
| *Pauline mizzewga Gatt* | *4.00%* | |
| *Brigitte mizzewga Abela* | *4.00%* | |
| *Stephanie mizzewga Camilleri* | *4.00%* | |
| *Paul Darmanin* | *3.70%* | *(ulied Franky (Francis Xavier)* |
| *Marianne mizzewga Cutajar* | *3.70%* | |
| *Helen sive Eileen Darmanin* | *3.70 %* | |
| *Mary Rose mizzewga Caruana* | *5.80%* | *(bint Lucy)* |
| *Carmelo sive Lino Enriquez* | *3.70%* | *(ulied Rita)* |
| *Antonio Enriquez* | *3.70%* | |
| *Paul Enriquez* | *3.70%* | |
| *Victor Calleja* | *3.70%* | *(ulied Erene)* |
| *Mario Calleja* | *3.70%* | |
| *Cecilia mizzewga Curnow* | *3.70%* | |

*Giuseppe Borg Falzon illi ma jistax jinstab ghandu 12.5%*

*Illi l-prezzijiet imsemmija huma prezzijiet gusti ghall-propjetajiet fil-kondizzjonijiet li jinsabu fihom u inoltri fl-umli opinjoni tar-rikorrenti l-intimat mhux ser ikun bl-ebda mod gravament pregudikat bil-bejgh tal-fond de quo u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tawtorizza dan il-bejgh kif iridu l-kabar ghadd ta' kompropjetarji fil-qies tal-valur ta' l-ishma li kull wiehed minnhom ghandu;*

*Illi ghalhekk ir-rikorrenti kienu kostretti li jipprocedu bil-procedura odjerna li qed issir ai termini ta' l-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-su espost, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportune, joghgobha:*

1. *Taworizza l-bejgh ta' l-ishma kollha tal-propjetajiet indikati ossia:*
    a. *Il-korp ta' bin bin-numru ufficjali tmienja u erbghin (48) fi Triq l-Arcisqof, Valletta bl-arja tieghu u bis-sottosuol soggett ghal cens annwu u perpetwu;*
    b. *It-terran bin-numru ufficjali sitta u erbghin (46) fi Triq l-Arcisqof, Valletta;*
    c. *l-utile dominium ghaz-zmien li fadal mic-ccens temporanju ta mija u hamsin sena li beda jiddekorri mill-ewwel t-April tas-sena elf tmien mija u sebgha u disghin tal-korp ta' bini li presentment jikkomrendi hdax-il appartament fuq hames sulari, inkluz l-arja sovrastanti u s-sotto suol, liema korp ta' bini jinsab fil-Belt Valletta u ghandu faccata fuq zewg toroq u huwa accessibbli minn bieb wiehed fi Triq San Nikola, ufficjalment immarkat bin-numru mija u sitta u hamsin u erba bibien fi Triq Sant' Ursola, ufficjalment immarkati bin-numru mija u*

*tnejn u sebghin (172), mija u tlieta u sebghin(173), mija u erbgha u sebghin (174) u mija u hamsa u sebghin (175) rispettivament;*
*u dan versu l-prezzijiet u that il-kondizzjonijiet u disposizzjonijiet kontenuti fil-konvenji hawn annessi maghmula bix-xhieda tan-Nutar Dr Tonio Cauchi u Dottor Ritienne Bugeja Fenech rispettivament;*

2. *Tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-atti relattivi li ghandhom isiru bil-lingwa Maltija bix-xhieda tan-Nutara Dr tonio Cauchi u Dottor Ritienne Bugeja Fenech rispettivament; u*

3. *Tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru fleventwali kontumacja fuq il-pubblikazzjoni ta' l-att ta' trasferiment;*

4. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni*

   *Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni, b' dan li fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet precedent f' dan ir-rikors, l-ispejjez kollha ghandhom jitnaqqsu mis-sehem ta' l-intimat mill-prezz tal-bejgh tal-propjetajiet de quo bil-bilanc rimanenti li jigi depositat taht l-awtorita tal-Qorti skond il-Ligi.*

Rat id-digriet taghha datat 12 ta' Ottubru, 2016[2].

Rat li notifikati dan l-istess rikors, il-kuraturi deputati wiegbu[3];
*"i illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri fi stadju ulterjuri tal-proceduri.*
*ii salv eccezzjonijiet ohra."*

---

[2] Fol 43
[3] Fol 46xx

Rat ukoll illi r-rikorrenti prezentaw nota li fiha kien hemm indikat il-valuri tal-propjetajiet proposti ghal bejgh kif  valutati mill-Perit Edric Micallef u cioe' valutazzjoni tat-terran 48, fi Triq l-Arcisqof, Valletta ghal ammont ta' €90,000, valutazzjoni tal-proprjeta' 46, fi Triq l-Arcisqof, Valletta  ghal ammont ta' €5,000 u  valutazzjoni  rigwardanti l-fond 156, Triq San Nikola, kantuniera ma' Triq Sant' Ursola, Valletta ghal ammont ta' €420,000. Rat ukoll l-istess rapport redatt mill-Perit imsemmi Cedric Micallef[4].

Rat li wara rikors tar-rikorrenti datat 21 ta' Dicemebru, 2016[5], nonostante l-istedina tal-Qorti biex il-partijiet kollegjalment bejniethom jaghzlu l-appositu Perit Arkitett ghal valutazzjoni tal-proprjeta' mertu tar-rikors promotur, dana ma sarx.  Rat il-verbal ta' din il-Qorti fejn il-Qorti hatret lil Perit Hector Zammit ai terminu ta' l-artikolu 495A(6) tal-Kap 16.

Rat ir-rapport prezentat mill-istess Perit Arkitett nominat[6]. Ikkonkluda dwar it-terran misjub fin-numru 46, Triq l-Arcisqof, Valletta li dana kellu l-valur ta' €145,000. Fir-rigward tal-blokk ta' appartamenti sitwati fin-numru 48 fi Triq L-Arcisqof, Valletta dan tahom il-valur globali ta' €173,000. Dwar il-korp ta' appartamenti nru 156 Triq San Nikola k/m 144-147 Triq Sant' Ursola, Valletta dawn gew valutati ghal ammont ta' €420,000.

Rat ukoll il-verbal tal-10 ta' Marzu, 2017, il-partijiet kollegjalment qablu li stante r-rapport tal-perit nominat mill-Qorti kien jikkonferma illi propjetajiet qed jinbieghu ghal prezz aktar onoruz  minn dawk valutati mill-istess perit hekk mahtur, allura talbu lil Qorti thalli ir-rikors ghas-sentenza.

---

[4] Fol 49
[5] Fol 60
[6] Dok HZ

**Ikkunsidrat:**

Illi dan r-rikors huwa bbazat ai terminu ta' l-artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward rat id-decizjoni moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Av.Victor Bugeja et vs Dr.Benjamin Valenzia noe.**[7] intqal:

"Illi l-**Art. 495A** dahal fil-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta in forza tal-Att XVIII tal-2004. Id-dispozizzjoni taghti l-fakolta` lill-Qorti li tawtorizza bejgh ta' proprjeta` in komuni meta l-bejgh jinzamm minn xi komproprjetarji kapriccozament.

L-**Art. 495A (1**) jiddisponi:-

*"Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indivizjoni forzata, meta xi haga tkun inzammet in komun ghal izjed minn ghaxar snin, u hadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal iehor ghal qsim ta' proprjeta` li tkun qed tinzamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftehmu dwar il-bejgh ta' xi proprjeta` partikolari ta' bejniethom, il-qorti ghandha, jekk tkun sodisfatta li hadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament pregudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgh skont ma jkun jixtieq l-akbar ghadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu."*

Il-hsieb tal-ligi hu li tinghata procedura relattivament semplici u ta' malajr biex jintemm stat ta' komunjoni ta' proprjeta` li l-ligi ma tiffavorihx. Iz-zmien ta' ghaxar snin li ssemmi d-disposizzjoni jibda jghaddi minn meta jkun inholoq l-istat ta' komunjoni.

L-Art. 495A (5) jaghti fakolta` lill-komproprjetarji 'dissidenti' li jopponu l-bejgh billi "*jiddikjaraw xi jkun il-pregudizzju gravi li huma jew il-*

[7] Rikors Guramentat 946/2015/LSO deciza 2 ta' Gunju, 2016

*komproprjetarji li jkunu jirraprezentaw jistghu ibatu minhabba l-bejgh.*" Meta l-bejgh isir lil terzi, il-komproprjetarji kollha – kemm dawk li jridu l-bejgh u kemm dawk li ma jridux – ghandhom komuni l-interess illi, jekk il-bejgh isir, dan ikun bl-ahjar prezz. Dan l-interess komuni jghin biex ma jmorrux minn taht dawk li ma jridux ibieghu ghax ghall-inqas ikunu kisbu prezz tajjeb ghas-sehem li, kontra qalbhom, ikollhom ibieghu.

Jigi osservat fl-ewwel lok, li skont l-**artikolu 495A (3) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, il-legislatur espressament ipprovda ghall-hatra ta' kuratur u biex jirraprezentaw lill-komproprjetarji li mhumiex maghrufa. Dan l-artikolu jipprovdi:

*"ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-komproprjetarji kollha li ma jkunux jaqblu mal-bejgh kif ukoll lill-kuraturi li jigu mahtura mill-qorti biex jirraprezentaw lil min mill-komproprjetarji ma jkunx maghruf jew ma jkunx jista' jinstab. Ir-registratur ghandu jara li kopja tar-rikors tigi ppubblikata fil-Gazzetta u f'gurnal wiehed ta' kuljum."*

[…………]

L-iskop ta' dan l-artikolu tal-ligi kien intiz biex jiffacilita t-trasferiment ta' proprjeta` fl-intier taghha, meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li ghal raguni jew ohra ma jridux jew ma jistghux jersqu ghat-trasferiment fl-intier tal-proprjeta` in komun.

Madankollu l-kompitu tal-Qorti fi procedura istitwita taht l-artikolu 495A hija biex tistabbilixxi jekk il-komproprjetarju/i dissidenti ma jkunux gravament pregudikat.

L-**artikolu 495A (2)** tal-Kap 16 jistipula l-ghamla ghal din l-azzjoni:

*"It-talba lill-qorti ghandha ssir permezz ta' rikors li mieghu ikun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgh kif ukoll prospett li jkun juri l-ghadd u l-valur tal-ishma li kull wiehed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li tahthom ikun ser isir il-bejgh. Fir-rikors ghandha tigi indikata wkoll id-data meta l-hwejjeg ikunu gew in komun u c-cirkostanzi relattivi".*

Segwit dan l-insenjament gurisprudenzjali, rat illi ukoll id-dokumenti kollha li r-rikorrenti prezentaw mar-rikors promotur b'mod partikolari id-digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja fejn il-Qorti laqghet it-talba fir-rigward ghar-rilaxx tal-wirt gjacenti taht kurazija tal-mejjet Luigi Borg Falzon. Rat id-dokumenti rigwardanti il-provenjenza tal-proprjeta' u z-zmien li din ilha mizmuma in komun. Rat ukoll il-konvenju esebit rigwardanti il-proprjeta' mizmuma in komun u t-tigdid ta' l-istess. Qieset li skont dawn il-proprjetajiet koncernati qed jinbieghu ghal prezz aktar vantagguz minn dak indikat miz-zewg periti suriferiti. Rat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata ta' Antonio Enriquez ai terminu ta' l-artikolu 495A(4). Ma jirrizultax ghal din il-Qorti illi hemm kawza ta' divizjoni tal-proprjeta' in kwistjoni.

Rat ukoll l-ghadd u l-vaIur ta' l-ishma ta' kull sid ta' dawn il-propjetajiet ai terminu ta' l-artikolu 495A(2).

Rat ukoll in-nota ta' Aloysius Farrugia datata 26 ta' Mejju, 2017 fejn ai termini ta' l-Artikolu 495A(3) Kap 16 saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u fil-gurnal tat-Times of Malta.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet b'dan illi qeghda tawtorizza l-bejgh ta' l-ishma kollha tal-propjetajiet;

a) Il-korp ta' bini bin-numru tmienja u erbghin (48) fi triq Arcisqof, Valletta bl-arja tieghu u bis-sotto soul soggett ghal cens annwu u perpetwu;

b) It-terran bin-numru ufficcjali sitta u erbghin (46) fi Triq l-Arcisqof, Valletta ;

c) l-utile dominium ghaz-zmien li fadal mic-cens temporanju ta' mija u hamsin sena li beda jiddekorri mill-ewwel ta' April tas-sena elf tmien mija u sebgha u disghin tal-korp ta' bini li prezentement jikkomprendi hdax il-appartament fuq hames sulari, inkluz l-arja sovrastanti u s-sotto suol, liema korp ta' bini jinsab fil-Belt Valletta u ghandu faccata fuq zewg toroq u huwa accessibbli minn bieb wiehed fi triq San Nikola ufficjalment immarkat bin-numru mija u sittin u hamsin u erba' bibien fi Triq Sant' Ursula, ufficcjalment immarkat bin-numru mija u tnejn u sebghin (172), mija u tlieta u sebghin (173), mija u erbgha u sebghin (174), mija u hamsa u sebghin (175) rispettivament; u dan versu l-prezzijiet u taht dawk il-kundizzjonijiet u disposizzjonijiet kontenuti fil-konvenji annessi maghmula bix-xhieda tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi u Dottor Ritienne Bugeja Fenech rispettivament ghalhekk nominati.

d) Tordna ghalhekk illi l-pubblikazzjoni ta' l-atti relattivi isir gewwa l-edificcju tal-Qorti l-Belt Valletta liema pubblikazzjoni ghandha ssir bil-lingwa Maltija u ghandha ssir minn Nutar Tonio Cauchi u n-Nutar Ritienne Bugeja rispettivament.

e) Tinnomina lil Av. Dr. Josette Sultana u l-P.L. Daniel Aquilina biex jirraprezentaw lis-sidien mhux maghrufa fuq kull att ta' trasferiment imsemmi. Il-kuraturi ghandhom jircievu l-prezz dovut lill-assenti ghas-

sehem u wara li titnaqqas t-taxxa dovuta u wara li jithallsu d-dritt lilhom dovut fuq il-kuntratt/i, jiddepositaw il-bilanc taht l-awtorita' tal-Qorti skont il-ligi.

**f) L-ispejjez gudizzjarji jithallsu mir-rikorrenti a proporzjon tas-sehem taghhom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**